**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 288/2016JB

Numru: 21

**Worldwide Company Limited (C6622)**

***vs***

**2A Co. Ltd (C44598)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Awissu 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef, disa' mija u tnejn u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€4,962.67) in konnessjoni mal-bejgh ta' diversi prodotti. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 108);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 167, 169, 172), is-Socjeta Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li s-Socjeta Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €4,962.67 bl-imghax kummercjali kontra s-Socjeta Konvenuta. Spejjez a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*